MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 121/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Felicita Mallia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Felicita Mallia**

**Vs**

**Donald Bonello**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm395.06c) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f'incident awtomobilistiku li gara fit-30 ta' Jannar, 2003 fi Triq Sant' Ubaldeska, Paola bejn il-vettura ISL 222 misjuqa mill-konvenut proprjeta' ta' Saviour Zammit u vettura EBC 386

misjuqa minn Joseph Mallia proprjeta’ ta’ l-attrici Felicita Mallia.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi hu ma jahtix ghall-incident in kwistjoni.

Sema’ x-xhieda ta’ John Lentini u Joseph Mallia.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi din il-kollizjoni hija *front to rear*. Il-vettura tal-konvenut kienet quddiem u l-vettura ta’ l-attrici kienet fuq wara. Mill-istess *front to rear form* a fol 23 tal-process jirrizulta illi l-kollizjoni saret minhabba li kien hemm “striking the front of the other vehicle whilst reversing” li jfisser li fil-mument tal-kollizjoni l-vettura tal-konvenut irriversjat ghal fuq il-vettura ta’ l-attrici li kienet wieqfa.

Huwa evidenti illi kollizjoni li ssir f’dawn ic-cirkostanzi hija fir-responsabbilta’ ta’ min qed jirriversja, billi qabel ma jirriversja jrid joqghod attent li jista’ jirriversja minghajr problemi u b’tali mod illi jaccerta li mhux ser jaghmel hsara lill-vetturi li hemm warajh. Kif jghid il-Highway Code:

**Reversing**

**200.** Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you. Remember that when reversing and turning, the front part of your vehicle will protrude further out into the street.



Check all round when reversing

Illi ghalhekk ir-responsabbilta' ghall-kollizjoni hija manifestament tal-konvenut.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi d-danni subiti jammontaw ghal tlett mija u sebghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm370.06c) kif jidher min-Nota ta' Riduzzjoni a fol 25 tal-process u d-dokumenti l-ohra esebiti fl-atti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sebghin lira Maltin u sitt centezmi (Lm370.06c) bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------